MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Numru 193/2004

**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**ALFRED DEBONO**

Il- Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Alfred Debono, ta' 44 sena, iben Emanuel u Concetta nee' Magri, imwieled Pieta fis-27 ta' Gunju 1959 u li joqghod 3, Triq Pawlu Burlo, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita` 442459(M)

Fejn gie akkuzat talli fit-13 ta' Novembru 2003, ghal habta tal-5:30pm u 7:30pm, gewwa l-Hamrun, minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja tal-mara tieghu Alice Debono f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq l-istess Alice Debono, skond kif iccertifika Dr. C. Gauci MD tal-Isptar San Luqa.

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Alice Debono.

Il-Qorti hija mitluba li f’kas ta’ htija, tiprovdi ghas-sigurta ta’ Alice Debono taht l-artiklu 383.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Marthese Micallef jirrizulta illi gurnata wara d-data citata fl-akkuza l-kwerelanti Alice Debono ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija illi kellha tilwim mar-ragel taghha l-imputat Alfred Debono. Hija infurmat lill-pulizija li zegwha kien heddidha li ser joqtlilha l-pjanti taghha billi jisqihom bl-*ammonia* u hija ghaldaqstant irritornat fid-dar matrimonjali. Meta dahlet id-dar hija kisret set tat-*television* b’ritaljazzjoni. Illi Alice Debono infurmat lill-pulizija li telghet sa fuq biex ticcekkja l-kmamar u hi u niezla t-targa, l-imputat gera warajha u mbuttha u b’rizultat hija garbet griehi ta’ natura gravi konsistenti fi ksur tal-ghadma ta’ imniehirha u ta-subgha l-kbir ta’ saqajha u gew iccertifikat minn Dr Elania Pace Balzan u Dr Gauci li kkonferma l-griehi bhala gravi perdulata. L-imputat irrilaxxa stqarrija Dok. MM fejn stqarr illi hu kien qed isib hafna affarijiet neqsin mid-dar fosthom il-pjanti in kwistjoni ghalhekk kien baghtilha sms li jekk ser tibqa’ tiehu l-pjanti ser joqtolhom billi jitfghalhom l-*ammonia* ftit wara kienet waslet il-kwerelanti fid-dar u bdiet tkisser diversi oggetti fosthom *television*, linfa, u CPU tal-*computer*, l-imputat beda jipprova jrazzan lill-martu milli tkompli tkisser. Hija minn naha taghha bdiet tghajjat u nizlet tigri l-isfel, f’nofs it-tarag qabdet furkettut tal-*barbeques* u ppruvat tagredih bih. L-imputat stqarr li peress li hija waqfet hesrem f’nofs ta’ tarag biex tiehu l-

furkettun, huwa spicca dahal go fiha bil-konsegwenza li l-kwerelanti waqghet it-tarag u habtet f'tavolina li hemm fit-tarag. L-imputat xhed li l-kwerelanti kellha problemi mentali kienet ghamlet attentat ta suwicidju fil-passat.. L-imputat xhed li l-kwerelanti kellha relazzjoni ma' terza persuna. Huwa sostna li dejjem pprova jghin lill-martu. Ic-certifikati medici tal-kwerelanti gew immarkati bhala MM1 u MM2.

PC 986 Paul Spiteri kkonferma l-istqarrija tal-imputat a fol 15.

PS86 Anthony Lia  kkonferma x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u xhed li kien mar ikellem il-kwerelanti l-isptar u ha d-dettalji tal-avvenimenti minn ghandha. L-imputat informa lill-Pulizija a fol 17 li huwa baqa' barra minn daru sakemm gew il-pulizija sabiex ma jigix akkuzat li wettaq il-hsarat huwa stess. L-okkorrenza giet esebita bhala dok. PS a fol 19 et seq.

Alice Debono a fol 22 xhedet illi z-zwieg bejna u zewgha l-imputat kien minn dejjem difficli u kienu jilletikaw ta' spiss. Hija xhedet illi kienet marret tkellem lil zewgha wara li hadet messagg minghandu li kien ser joqtolha l-pjanti permezz tal-*ammonia* u li zewgha filfatt qalilha li ga kien ghamel dan u li fi zmien gimgha kienu se jmutulha. Hija xhedet li kienet qabdet it-television u wadbitu mal-art b'ritaljazzjoni u telghet fuq fejn hi u l-imputat komplew jilletikaw. Hi qalet li l-imputat beda jxejjer b'idejh imma ma laqaghtix u ghaldaqstant iddecidiet li tinsel l-isfel. Kif qabzet l-ewwel zewg targiet, l-imputat ta' daqqa fuq il-parti ta' wara ta' spallejha: "jien litteralment tirt sal-hajt t'isfel u faqani mal-hajt t' isfel (ara fol 23) illi bl-impatt tal-waqa' taghha, l-kwerelanti tghid li kisret sieq tas-sotto-specio u x'hin harset lejn il-mera sabet wiccha kollu demm il ghaliex infarget, kellha qasma fuq imniehirha, frattura tal-ghadma tal-imnieher apparti griehi ohra nkluz ksur ta' subghajha ta' saqajha u nefha fl-irkuptejn tant illi giet imsejha l-ambulanza. Il-kwerelanti xhedet illi meta hija kisret it-television zewgha qalilha kliem fis-sens li huwa kien immanipula s-sitwazzjoni biex ikun jista' jaghmel rapport kontra taghha mal-pulizija mentri l-qsari filfatt ma

kien ghamlilhom xejn. Il-kwerelanti tat id-dettalji tal-mobile taghha u tal-imputat (ara a fol 24) u data tal-messagg. Ikkonfermat ic-certifikati MM1 u MM2. Il-kwerelanti xhedet li l-imputat kien diga' pprova jwaddabha t-tarag fi drabi precedenti. Il-kwerelanti xhedet illi z-zwieg taghha kien falla mill-istadju bikri tieghu l-ghaliex l-imputat kien bniedem ghajjur hafna u ffissat illi hija kienet tiffrekwenta l-Gharab u t-Taljani apparti l-Maltin. Kawza ta' dan hija kienet inhakmet minn depression kbira. Sadanittant l-imputat kien dejjem jordna u jixtri affarijiet jew oggetti mhux bzonnjuzi waqt li jitraskura l-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-kwerelanti kienet tkun irrinfaccata bi kredituri wara l-bieb. Illi fl-2001 l-kwerelanti kienet ghamlet attentat ta' suwicidju. Illi wara din l-esperjenza qarsa, l-kwerelanti ghelbet kerha ta' hajjitha u bidet miexja l-quddiem. Meta ghamlet id-decizjoni biex tissepara, l-imputat beda jsir aggressiv fizikament fil-konfront taghha. Xhedet li darba minnhom, kien tefghalha t-te ghal wiccha u laqghatha f'idha u f'ghonqha u wara dan, hija fuq parir, sabet post ghal rasha. Kienet tmur id-dar kuljum sabiex tipprepara t-tfal ghall-iskola u sajjar izda kienet torqod f'post iehor. Hija kienet hadet dan il-pass ghaliex zegwha meta kienu jorqdu fl-istess sodda kien jagtiha bis-sieq go genbha jew joqrosha mbaghad jghidilha li ma kienx veru u li hija giddiebha. A fol 31 Dr Elania Pace Balzan ikkonfermat il-griehi tal-kwerelanti u ccertifikat minnha rrilaxxat.

Dr Christopher Gauci a fol 34 permezz ta' affidavit ikkonferma c-certifikat minnu rilaxxat u l-griehi tal-kwerelanti **li kklassifikhom bhala griehi ta' natura gravi.**

Martin Bajada esebixxa Dok. MB fejn jidher l-sms numerat 13 a fol 52 kif allegat l-kwerelanti flimkien ma' diversi sms's **illi juru l-bassi fondo illi fih kien waqa' l-imputat** fil-konfront ta' martu.

PS 86 Anthony Lia  a fol 58 esebixxa furketta mghoddija mill-imputat li biha l-kwerelanti allegatament aggreditu.

Dr Elania Pace Balzan a fol 64 ikkonfermat l-affidavit taghha, mill-griehi taghha : "irrizulta li l-pazjenta meta rajtha fl-ENT Ward bhala emergenza, kellha xi nefha fuq wiccha, fuq mohhha, fuq l-upper eyelid, fuq xufftejha, fuq imnehirha plus li l-x-rays urew li kien hemm ksur fl-ghadam tal-imnieher" u kklassifikat il-griehi bhala ta' natura hafifa b'salf ghal komplikazzjonijiet.

Dr Chris Gauci a fol 67 ikkonferma c-certifikat MM2 u kkonferma li apparti l-ksur tal-ghadma tal-imnieher, tbengil fuq il-quddiem tar-ras, griehi fl-irkoppa, **kien hemm ksur tal-ghadma tal-ewwel subgha tas-sieq leminija ta' Alice Debono u kklasifika l-griehi bhala gravi.**

L-imputat Alfred Debono xhed illi f'Awwissu l-mara kienet titlaq mid-dar ghal granet shah u tirritorna tard filghaxija u mbaghad bdiet titlaq ghall-weekends shah. F'Ottubru beda jinduna li bdew jonqsu hafna affarijiet mid-dar. L-imputat xhed illi l-martu kienet tghix ma' certu Rokku Chicop mill-Hamrun li kien joqghod Strada San Gaetano il-Hamrun, li kien joqghod Triq Fra Pawlu Burlo. Xhed li anki dan Rokku kien kecciha u ghalhekk qabdet ma' ragel iehor. L-imputat xhed li beda jinnota illi anki l-pjanti kienu qeghdin jonqsu u baghat messagg lil martu biex javzha li jekk tibqa' tiehu l-pjanti, ser jitfaghlhom l-ammonia. Wara ftit, sema' l-bieb ta' barra jinfetah b'mod goff, nizel isfel u sab it-television mifquh mal-art. L-imputat xhed li martu baqghet diehla fil-kcina u harget furkettun tal-barbeques mill-"cupboard" u bidet theddu bih "ara a fol 81". L-kwerelanti xhed li martu kisret linfa tac-ceramika u t-television izda rnexxielu jrazzanha milli taqleb il-monitor tal-"computer". L-imputat xhed li martu riedet tinzel it-tarag u hu beda niezel warajha. Waqfet hesrem fl-ahhar tlett targiet u bidet ixxejjer il-furkettun fid-direzzjoni tieghu. Peress li huwa kien niezel it-tarag warajha huwa habat f'martu u "waqghet l-ahhar tlett targiet". L-imputat xhed li t-tarag tar-residenza matrimonjali kien antik u mizbugh u ghaldaqstant kien jizloq. L-imputat jghid li martu qamet minn mal-art u informatu li kienet ser tirrapurtah lill-pulizija talli tefaghha mit-tarag ghal isfel.

L-imputat imbaghad ta’ rakkont dettaljat ta’ numru konsiderevoli ta’ rgiel li kollha kellhom relazzjoni sesswali ma’ martu. Mitlub jghid jekk ghamilx rapport lil pulizija meta l-kwerelanti allegatament tatu daqqa ta’ sikkina, l-imputat jghid li la ghamel rapporti u l-anqas certifikati medici. L-imputat a fol 88 xhed illi qabad lil martu ma’ haddiehor. Mitlub jghid min kien, l-imputat sempliciment xhed li martu kienet tiffrekwenta l-Gharab u li din l-informazzjoni kien tajilu certu Joe Farrugia. **Fix-xhieda tieghu kollha l-imputat isemmi diversi ismijiet ta’ irgiel izda ma ressaq ebda wiehed minnhom biex jikkonferma l-allegazzjonijiet tieghu..**

A fol 99 PL Noel Xerri, in rapprezentanza tal-Maltacom, kellu jaghmel ricerka sabiex jara kemm –il darba l-linja telefonika tal-imputat kinitx qeda taht sorveljanza.

Spettur Nezrem Grixi a fol 102 et seq esebixxa tmin okkorenzi (NG1-NG8) dwar rapporti maghmulha mill-imputat kontra martu u stabilixxanir-rapport (NGA1-17) li l-kwerelanti ghamlet kontra zewgha l-imputat.

PL Xerri ta spjegazzjoni shiha tal-proceduri biex linja tat-telephone titqieghed taht sorveljanza.

PS 772 Denis Aguis a fol 166  ikkonferma illi l-imputat kien talbu biex isegwi l-passi ta’ martu minhabba suspett illi hija kien qed ikollha relazzjonijiet extra-matrimonjali. **Huwa xhed li huwa ghamel din is-sorveljanza ghal diversi sighat u diversi okkazzjonijiet u kien kollox fin-negattiv.**

L-imputat Alfred Debono a fol 171 esebixxa AD1-AD5 ritratti fejn jidher Rokku Chircop fil-party tal-grizma tat-tfal tieghu. L-imputat xhed li huwa kien dejjem lest li jahfer lil martu il ghaliex kien f’ghaqda religjuza. Ikkonferma li martu kienet ghamlet attentat ta’ suwicidju u li l-Psikjatra kien ghamel dijanjosi ta’ skizofrenija.

Joseph Borg Cardona a fol 187 ikkonferma l-bank accounts tal-kwerelanti.

Josianne Sultana a fol 190 xhedet illi l-kwerelanti kienet toqghod nr 3 Triq Pawlu Burlo Hamrun. Imbaghad fil-2006 bidlet l-indirizz ghal 16 San Gaetano Hamrun.

Margaret Aguis ikkonfermat illi l-kwerelanti kienet oht ir-ragel taghha u li kienu johorgu flimkien bhala zewg koppji minn ckunithom. Ikkonfermat il-problemi matrimonjali bejn il-kondendenti u li kienu rcevew talba ghall-assistenza il ghaliex l-imputat kien imbutta lill-kwerelanti indana tarag.

Fl-ahhar xhieda taghha Alice Debono a fol 205 ikkonfermat illi l-proceduri tas-seperazzjoni bejna u bejn l-imputat kienu gew iffinalizzati u li hi kienet lesta li tahfirlu.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi jirrizulta illi z-zwieg bejn il-partijiet kien misghud bi problemi, mibni, fuq suspetti kontinwi ta' infedelta' ma' diversi rgiel, u mzewwaq b'aggressjoni fizika da parti tal-imputat fuq martu kif jidher minn sensiela ta' rapporti registrati fl-ghassa tal-pulizija (vide NGA1 sa NGA 17 u NG1 sa NG 8).

Illi ghal regward tal-abbuz verbali li bih l-imputat kien jindirizza lil martu, ir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada hija xhieda xjentifika tal-estremita u ta' vulgarita u stmerrija li l-imputat kien jirriserva biex jikkomunika ma' martu.

Illi din il-Qorti b'ebda mod ma tista takkolji il-verzjoni tal-imputat li l-griehi li sofriet martu kienu saru b'modd accidentali meta huwa habat fiha meta fettilha tieqaf f'nofs turgien biex tagredih b'furkettun.

Din il-verzjoni la ghandha mis-sewwa, wisq anqas hi verosimili. Huwa inverosimili ghall-ahhar li mara tahbat ghal zewgha f'nofs ta' tarag meta dan niezel jigri warajha.

Wisq anqas ma tista takkolji l-allegazzjoni fiergha tal-imputat li martu kienet tifrekwenta kull xorta ta' ragel, Taljan, Gharbi, Malti, infatti kull min ikun, minghajr attentat, anke wiehed fjak, sabiex dawn l-allegazzjonijiet

jigu sostunti f'xi forma konkreta. Mhux hekk biss imma jirrizulta li minkejja li l-imputat qabbad lil PS 772 biex isegwi l-passi ta' martu, meta tali sorveljanza ma tat ir-rizultat mistenni mill-imputat **u fil-fatt il-kwerelanti ma gietx osservata titkellem ma' ebda ragel**, is-suspetti gravi ta' infedelta  minn martu baqghu imsammrin f'mohh l-imputat bl-istess intensita'.

Il-griehi li garrbet il-kwerelanti kienu ksur tal-ghadma tal-imnieher, u ksur tal-ewwel sebgha tas-sieq il-leminija fost diversi griehi aktar hfief f'wiccha, fuq mohha, f'ghajnejjha, xofftejjha u rkopptejja.

Illi l-ksur tal-ghadma tal-imnieher u b'mod specjali l-ksur tas-sebgha tas-sieq leminija gew klassifikati bhala griehi ta' natura gravi, (ara xhieda ta' Dr Chris Gauci a fol 67).

Illi ghal rigward tal-akkuza ta' l-ingurja jew theddid, il-kwerelanti rrinnunzjat ghall-azzjoni kriminali u hafret lil zewgha.

Illi ghal dawn il-mottivi, il-Qorti ssib hati tal-ewwel akkuza tiddikjara 'l procediment ezawrit ghal rigward tat-tieni akkuza u wara li rat Art 216(1)(d), 28A Kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, u l-fatt kardinali li l-kwerelanti ghazlet li tahfer lil zewgha. Hija tali mahfra li skansat lill-imputat minn piena ta' prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------